



Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15253/23

LIMITE

TTC 23
USA 66
TELECOM 327
COMPET 1091
DUAL USE 18
MI 955
POLCOM 264
CYBER 282
HYBRID 79
DISINFO 91
COTRA 33

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) / Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti - Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegożjat strument mhux vinkolanti

1. Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) bejn l-UE u l-Istati Uniti, stabbilit mill-mexxejja fis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-15 ta' Ġunju 2021, iltaqa' għall-ewwel darba f'Pittsburgh fid-29 ta' Settembru 2021. It-tieni laqgħa tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti saret f'Paris-Saclay fis-16 ta' Mejju 2022, it-tielet waħda saret f'Washington, D.C., fil-5 ta' Diċembru 2022, u r-raba' waħda f'Luleå, l-Iżvezja, fit-30 u l-31 ta' Mejju.
2. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bl-intenzjoni li tidħol f'negożjati dwar strument mhux vinkolanti fil-forma ta' Dikjarazzjoni Konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti¹. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta tista' tiġi approvata fil-laqgħa li jmiss tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti li hija skedata proviżorjament għal Diċembru (id-data preċiża għad trid tiġi deċiża) fl-Istati Uniti tal-Amerka.

¹ ST 15232/23

3. Il-ħsieb huwa li din id-Dikjarazzjoni Konġunta tintuża biex, fost affarijiet oħra, tafferma mill-ġdid l-impenn politiku tal-UE u tal-Istati Uniti għat-TTC u biex tissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ u t-teknoloġija, filwaqt li tibni fuq l-eżitu tal-laqgħat preċedenti tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti.
4. Il-Kummissjoni Ewropea ser tinforma regolarment lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kif ukoll lill-kumitati u l-gruppi ta' ħidma rilevanti dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati dwar Dikjarazzjoni Konġunta.
5. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem in-negozjati sabiex tikseb, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, awtorizzazzjoni mill-Kunsill għall-approvazzjoni, fisem l-Unjoni, ta' strument mhux vinkolanti fil-forma ta' Dikjarazzjoni Konġunta li għandha tirriżulta min-negozjati.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea tidħol f'negozjati dwar Dikjarazzjoni Konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tal-Kunsill tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti; u
 - jistieden lill-Kunsill biex japprova, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, it-tnedija ta' negozjati għal Dikjarazzjoni Konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti.